Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Appell 403/2007AE

**Jimcam Enterprises Limited**

**Vs**

**Chas Limited**

L-Erbgha, 7 ta' Ottubru 2015.

B'kawza prezentata fit-12 ta' Dicembru quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) il-kumpannija attrici talbet il-hlas ta' €11,538.27 ghall-bejgh ta' zebgha, spray painting equipment, masking tape u prodotti relatati, imghaxijiet u spejjez relattivi.

L-ewwel qorti tat sentenza preliminari fis-16 ta' Marzu 2009 u sentenza finali fit-12 ta' Settembru 2011. Il-konvenuta appellat miz-zewg sentenzi.

Il-qorti rat l-atti li jinkludu traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret quddiem din il-qorti.

**B'sentenza tas-16 ta' Marzu 2009** l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta li:

1. Il-kaz hu *res judicata*;
2. L-azzjoni hi preskritta b'applikazzjoni tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.

L-attrici appellat minn din is-sentenza[1] u l-qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-aggravju relatat mal-eccezzjoni ta' res judicata li giet michuda:-

Qabel giet proposta din il-kawza, l-appellanti kienet ipproponiet tlett kawzi quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (1570/04; 1577/04; 1575/04). Jidher li l-pretensjoni taghha qasmithom fi tlett kawzi. F'kull wahda minn dawk il-kawzi l-appellata pprezentat twegiba fejn tat dawn l-eccezzjonijiet:

i. It-Tribunal m'ghandux kompetenza *ratione valoris*.
ii. L-ammont mitlub huwa eccessiv.

B'sentenza li nghatat f'kull wahda mit-tlett kawzi fl-20 ta' April 2006 it-Tribunal iddikjara li qieghed jilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet u jichad it-talbiet tal-attrici.

[1] L-appellata pprezentat twegiba (24.10.2011).

L-ewwel qorti fis-sentenza tas-16 ta' Marzu 2009 qalet li *"…. fuq bazi ta' ekwita' qed tikkonsidra dawn it-tlett sentenzi moghtija mit-Tribunal bhala decizjonijet preliminari biss u mhux bhala sentenzi fil-meritu wkoll"*.
Hu ovvju li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghamel zball meta wara li laqa' l-eccezzjoni li m'ghandux kompetenza *ratione valoris*, laqa' eccezzjoni li l-ammont pretiz mill-appellanti hu eccessiv u cahad it-talba tal-attrici. Gialadarba t-Tribunal iddecieda li ma kellux il-kompetenza sabiex jiddeciedi fuq it-talba tal-appellanti, messu waqaf hemm.

Billi t-Tribunal iddikjara li m'ghandux kompetenza *ratione valoris*, kull dikjarazzjoni fis-sentenza li seta' ghamel fil-meritu fir-rigward tal-ammont pretiz mill-appellata, qiesha qatt ma saret. L-eccezzjoni tar-*res judicata* qeghda hemm biex tohloq certezza legali, u certament mhux sabiex xi parti tipprova tiehu beneficcju ta' incidenti simili. Il-qorti ma tifhimx kif l-appellanti tippretendi li tintlaqa' l-eccezzjoni ta' *res judicata* meta fit-tlett sentenzi li fuqhom hi bazata din l-eccezzjoni, it-Tribunal laqa' l-ewwel eccezzjoni li kienet taqra:-

*"L-inkompetenza ratione valoris peress illi l-ammont reklamat huwa parti minn ammont akbar f'kont kurrenti li jeccedi l-Lm1,500"*.

Mela s-sentenza dwar il-meritu nghatat minn Tribunal li hu stess iddikjara li m'ghandux kompetenza biex jiddeciedi fuq it-talba.

Ladarba t-Tribunal qal li m'ghandux kompetenza *ratione valoris*, mela jsegwi li dak li ddecieda fuq il-meritu **m'ghandu l-ebda effett bejn il-partijiet**.

**B'sentenza tat-12 ta' Settembru 2011**, l-ewwel qorti laqghet it-talba tal-appellata ghas-somma ridotta ta' €9208.9 bl-imghax mill-1 ta' Dicembru 2007 sad-data tal-hlas. L-aggravji tal-appellanti huma:

1. L-ammont likwidat mill-qorti hu eccessiv.
2. L-appellanti kellha kont kurrenti u l-imghax kellu jiddekorri minn meta l-qorti llikwidat l-ammont dovut.
3. Li l-appellata kkalkolat imghaxijiet fuq imghaxijiet.
4. It-talba tal-attrici kienet tinkludi sorte u mghax li ser ikollu effett fuq l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Dicembru 2007 peress li ser ikun qieghed jigi kalkolat imghaxijiet fuq l-imghaxijiet.

B'riferenza ghall-**ewwel aggravju** l-qorti tosserva:-

(a) M'hemmx provi sodisfacenti li kien hemm ftehim ta' lokazzjoni ta' spazju sabiex tpogga billboard tad-ditta Silkens[2]. Rilevanti kif fl-

[2] Fl-aggravju l-appellanti qalet li l-ewwel qorti kellha tirriduci l-ammont pretiz b'Lm994.50 *"rapprezentanti sentejn kera ghall-board ta' reklamar (Lm304.50c) u reklamar iehor (Lm690) tal-kumpannija Sickens li hija brand name ta' socjeta estera rapprezentata mis-socjeta attrici"*.

affidavit ta' Charles Mizzi, direttur tal-appellanti, prezentat fil-kawza 1577/2004 ix-xhud qatt ma semma li kien hemm ftehim simili. Fl-affidavit ta dettalji ghalfejn l-ammont pretiz mill-appellata kien eccessiv, u kirja ta' spazju ma jissemmiex. Fic-cirkostanzi l-qorti tqies li mhux kredibbli dak li nghad fir-rikors tal-appell. F'kull kaz meta xehed quddiem l-ewwel qorti Charles Mizzi qatt ma qal li kien hemm kirja.

(b) Fir-rigward tas-somma ta' Lm690 ghal reklamar, dan issemma fl-affidavit ta' Charles Mizzi fil-kawza 1577/04. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li x-xhud qal li r-reklamar kien b'kollox Lm641.70. Mela hemm diskrepanza ta' Lm48.30 (ara paragrafu 5 tal-affidavit, avviz 1577/04). Fl-affidavit hemm spjegat fhix jikkonsisti dan l-ammont. Dwar reklam ghas-somma ta' Lm100 (ara kont datata 18.9.2010), fir-realta' l-*brochure*[3] hu tan-negozju tal-appellanti. Hu veru li fil-parti ta' taht tal-*brochure* hemm Sikkens u prodotti ohra li l-qorti qeghda tifhem li huma ta' terzi. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li r-reklam sar ghal beneficcju tal-appellata. Fir-rigward tar-reklamar l-iehor (billboard ghall-prezz ta' Lm300 u reklam A4 f'*brochure* ghall-prezz ta' Lm181.70), kuntrarjament ghal dak li qalet l-appellanti l-verzjoni ta' dan ix-xhud hi kontradetta minn Jane Camilleri, ufficjal tal-appellata, li xehedet:

*"Dwar l-ammont dovut, is-socjeta konvenuta semmiet xi haga in konnessjoni ma' reklamar, dan mhu minnu xejn. Ahna bhala socjeta attrici qatt m'awtorizzajna l-ebda art work. Ma kien hemm l-ebda booking order u ma kien hemm l-ebda ftehim in assolut dwar reklamar. Fil-fatt l-ewwel darba li rajt l-invoices rigward reklamar kien meta konna rcevejna l-affidavits"* (fol. 124).

Mela mhux minnu li hemm biss il-verzjoni ta' Charles Mizzi. Inoltre l-istess xhud xehed (seduta 8.3.2010):-

*"In rigward dik it-tabella, bhala dizinn ghamiltu jien, pero' sabiex tigi esegwita kont qabbadt terza persuna. Is-sur Camilleri*[4] *kien gab l-injam ghat-tabella. Din it-terza persuna jisimha Lino Chetcuti. Jiena hallast lil din it-terza persuna* ***waqt li s-sur Camilleri tani r-rifuzjoni tal-flus****"* (fol. 134).

Il-qorti ghalhekk ma tifhimx ghalfejn l-appellanti qeghda tippretendi Lm300 ghat-tabella, li fil-mori tal-kawza nghatat lura lill-appellata. Il-qorti tikkonkludi li l-appellata ma tatx prova li fil-fatt kien hemm dawn l-ispejjez dovuti lilha u ghalhekk **tichad dan l-aggravju**.

Fir-rigward tat-**tieni aggravju**, il-qorti tosserva:-

[3] Kopja esebita fl-atti ta' dik il-kawza.
[4] Il-qorti fehemet li dan hu ufficjal tal-appellata.

i. Fl-invoices li kienet tohrog l-appellata jinghad car u tond li imghax bi hlas ta' 8% jrid jithallas wara 30 gurnata[5]. M'hemmx prova li kien hemm xi ftehim li mhux ser jiddekorri imghax. L-appellanti ma ssostantjatx it-tezi li kien hemm kont kurrenti. Hu evidenti li l-appellanti kienet qeghda minn zmien ghal zmien tixtri prodotti minghand l-appellata, u hlas ma kienx qieghed isir (ara Dok. JS a fol. 24).

ii. Jirrizulta li n-negozju bejn il-kontendenti sar mill-5 ta' April 1999 sat-8 ta' Novembru 2000[6]. Sa dak iz-zmien l-appellanti kienet ghadha m'ghamlitx pagamenti. L-ewwel pagament li sar kien ta' Lm1,000 fl-10 ta' Novembru 2000. Sa dak iz-zmien l-imghax kien fl-ammont ta' Lm309.12 li ovvjament inqata' mill-hlas akkont ta' Lm1,000. Kull meta beda jsir pagament akkont, ovvjament wara l-10 ta' Novembru 2010, l-appellata bdiet l-ewwel taqta' l-imghax li jkun akkumula sad-data meta sar il-hlas akkont. Kellha kull dritt li taghmel hekk. B'dan il-mod sal-1 ta' Frar 2006 l-ammont li kien dovut kien ta' **Lm3,464.71** (ara rendikont JS a fol. 24). L-ahhar pagament li sar fl-1 ta' Frar 2006.

iii. Fit-30 ta' Novembru 2006 l-appellata harget zewg invoices ghall-ammont komplessiv ta' Lm1,000 relatat ma' *equipment*. Dan eventwalment inghata lura lill-appellata. L-ewwel qorti osservat li *"… l-partijiet kienu ftehemu li l-istess oggetti jittiehdu lura mis-socjeta attrici. Tenut kont li fis-somma mitluba hemm inkluza dik ta' Lm1,000, kif indikata f'zewg faturi datati t-30 ta' Novembru 2006, l-istess ammont imsemmi ghandu jigi mnaqqas"*. Mela hawnhekk l-appellanti ghandha raguni li mhux suppost gie kkalkolat imghax fuq din is-somma. Pero' mir-rendikont Dok. JS a fol. 24 hu evidenti li wara t-30 ta' Novembru 2006 sa meta l-ahhar gie kkalkolat l-imghax (30 ta' Settembru 2007), l-imghax gie kkalkolat ukoll fuq is-somma ta' Lm1,000. Fic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-hlas dovut lill-appellata kien ta' Lm3,080.44 **(€7,175.50**), bl-imghax mill-1 ta' Frar 2006.

iv. Il-qorti ma taqbilx mal-appellanti li l-ammont ma kienx likwidu. 'Il fatt li l-appellanti kkontestat l-ammont pretiz, ma jfissirx li ma kienx likwidu. In-negozju bejn il-kontendenti kien semplici bejgh ta' prodotti li l-appellanti xtrat ghan-negozju li ghandha. M'hemmx kontestazzjoni dwar il-prezz ta' kull bejgh.

B'riferenza **ghat-tielet aggravju**, l-appellanti qalet: *"Jekk wiehed jara l-istatement tas-Socjeta attrici u jaghmel kalkolazzjoni b'semplici calculator isib illi l-imghaxijiet huma aktar mit-8% u hemm mahduma wkoll imghaxijiet komposti"*. Il-qorti tosserva li l-appellanti ma tat l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens. F'kull kaz m'hemmx prova ta' dak li allegat l-appellanti. Ghalkemm Jane Camilleri xehedet li l-imghax kien kalkolat bl-10% (seduta 1 ta' Gunju 2009), fis-seduta ta' wara (14 ta' Dicembru 2009) ikkonfermat li l-imghax kien

[5] *"8% interes will be charged if invoice is not paid within 30 days"*.

[6] Kien hemm invoice iehor datat 9.5.2011 ghal Lm17.60 (numru 9366).

kalkolat bi 8%. Hekk jidher ukoll mid-dokumenti li l-istess appellata pprezentat (ara Dok. J53 a fol. 56 *et seq*). L-appellanti tilmenta li mis-sena 2004 sakemm l-appellata pproponiet l-avviz tat-talba (12 ta' Dicembru 2007), ziedet Lm1,020.97 imghax. Li ma qalitx hu li sat-28 ta' Ottubru 2003 il-bilanc li kien dovut kien ta' Lm3,270.89. Dan ifisser Lm261.67 kull sena. Igifieri sakemm giet prezentata l-kawza l-imghax kien tela' iktar minn Lm1,000. **Dan l-aggravju hu michud**.

Fir-rigward tal-**ahhar aggravju**, bir-revizjoni li ghamlet din il-qorti mhux ser ikun hemm imghaxijiet fuq imghaxijiet.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti:-**

1. **Tichad l-appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Marzu 2009.**
2. **Tirriforma s-sentenza tat-12 ta' Settembru 2001 fis-sens li tikkundanna lill-kumpannija appellanti thallas lill-kumpannija appellata s-somma ta' sebat elef mija u hamsa u sebghin ewro u hamsin centezmu (€7,175.50), bl-imghax mill-1 ta' Frar 2006.**

**Spejjez relatati mal-proceduri quddiem l-ewwel qorti u din il-qorti jinqasmu in kwantu ghal 63% a karigu tal-appellanti u 28% a karigu tal-appellata. B'dan li l-ispejjez relatati mas-sentenza preliminari tas-16 ta' Marzu 2009 huma a karigu tal-appellanti.**

Anthony Ellul.